

## *The Silent Hero –*
# Is-Surmast Salvu Vella (1910-1982)

Ħabib ta' Salvu s-Surmast

Salvu Vella, imlaqqam ta' Girgor, kien l-ewwel surmast tal-Banda Imperial. Fid-dinja hawn ħafna eroj li baqgħu jissemmew sal-ġurnata tal-lum; oħrajn forsi ntesew għax qatt ma ftaħru b'dak li għamlu. Fost dawn tal-aħħar hemm is-Surmast Vella.



Salvu għamel ħafna ġid u sagrifiċċji u qatta' ħafna minn ħinu biex jara l-każin tal-Imperial jieħu l-ħajja u jmur 'il quddiem. Kien kapaċi jgħallem l-istrumenti kollha, mill-flawt sal-katuba, kollox waħdu, fi żminijiet diffiċli ta' qabel u wara l-gwerra.

Ħafna minn dawn il-lezzjonijiet kien jagħtihom fl-intrata tal-każin fid-dawl tal-lampa. Bosta mill-bandisti ma kinux jafu skola u saħansitra, f'dak iż-żminijiet ta' faqar, lanqas karti biex tinkiteb il-mużika fuqha ġieli ma kien ikollu. Però, bil-paċenzja u bil-kwiet kien jara kif jirranġa f'kull sitwazzjoni.

L-ewwel darba li daqqet il-banda Imperial taħt dan is-Surmast bravu kien fl-21 ta' Settembru 1930, quddiem il-każin stess. U l-ewwel darba li saru xi marċi minn din il-banda barra mill-Mellieħa kien fuq il-gżira ta' Kemmuna. Mid-dehra, kien tellagħha hemm Dun Edgar Salamone, li kien il-kappillan tal-Imġarr, peress li kellu xi familjari jgħixu hemm. Salvu Vella baqa' mal-Banda Imperial sal-1948. Imbagħad, fl-1950, beda jmexxi l-Banda San Pawl ta' San Pawl il-Baħar. Għamel xi żmien ukoll jidderieġi l-Banda Nicolo Isouard tal-Mosta. Fl-1970, intgħażel biex ikun id-Direttur tal-Banda La Vittoria, fejn ifforma l-Kor u Orkestra Santa Ċeċilja.

Barra mill-banda, Salvu għamel ħafna ġid ieħor. Insemmu biss li fit-Tieni Gwerra Dinjija, meta kien jaħdem fil-Protection Office u kien jara xi familja fqira mimlija wlied, kien jgħaddilha baxx baxx xi ħaġa tal-ikel żejda biex it-tfal ikollhom biex jitrejqu. Dan kien jagħmlu dejjem fis-silenzju u mingħajr ma jgħid xejn lil ħadd.

Xtaqt li nikteb dawn il-kelmtejn biex infakkar dan l-eroj minsi Mellieħi, nirringrazzjah tal-ġid li għamel u fl-istess ħin biex nitolbu għalih ħalli l-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.